

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1248/2007**tat-22 ta' Ottubru 2007****li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2040/2000 dwar id-dixxiplina tal-baġit**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 37, 279 u 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri ⁽²⁾,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2040/2000 tas-26 ta' Settembru 2000 dwar id-dixxiplina tal-baġit ⁽³⁾ jistipula regoli maħsuba sabiex jiżguraw il-ġestjoni korretta ta' l-infiq tal-Komunità, kemm fir-rigward tat-Taqsima dwar il-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija kif ukoll fir-rigward tar-riżervi għal operazzjonijiet esterni, skond il-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba miftiehma stabbiliti fil-Ftehim Interistitutzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u t-titjib tal-proċedura baġitarja ⁽⁴⁾.

(2) Fir-rigward tal-Parti I tar-Regolament (KE) Nru 2040/2000, dwar in-nefqa fuq l-agrikoltura, il-limiti stabbiliti fil-qafas finanzjarju 2007-2013 stabbilit fl-Anness I tal-Ftehim Interistitutzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba tas-17 ta' Mejju 2006 ⁽⁵⁾ (il-Ftehim Interistitutzzjonali ta' l-2006) jipprekludu l-ħtieġa li tinżamm il-linja gwida dwar l-agrikoltura stipulata fih.

(3) Id-dispożizzjonijiet l-oħra li jikkonċernaw id-dixxiplina baġitarja għall-agrikoltura fil-Parti I tar-Regolament (KE) Nru 2040/2000 ġew superati mill-Artikoli 18, 19 u 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tad-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ⁽⁶⁾;

(4) Rigward il-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 2040/2000, dwar ir-riżervi għal operazzjonijiet esterni, m'għadx hemm il-ħtieġa ta' dispożizzjonijiet u miżuri speċifiċi li jkunu eċċezzjonali fil-kuntest tas-sistema ta' riżorsi proprji għall-finanzjament tal-Fond ta' Garanzija u tar-riżerva għall-Għajnuna ta' Emerġenza. Ir-riżerva għall-garanziji fuq is-self inbidlet fil-qafas finanzjarju 2007-2013 tal-Ftehim Interistitutzzjonali ta' l-2006 b'linja tal-baġit taħt l-intestatura 4 "l-UE bħala attur globali". Il-prinċipji ewlenin rigward ir-riżerva għall-Għajnuna ta' Emerġenza jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁷⁾, filwaqt li l-ammont u l-kondizzjonijiet ta' l-użu jinsabu stipulati fil-Ftehim Interistitutzzjonali ta' l-2006. Billi m'hemmx involuti direttament interessi ta' partijiet terzi, m'hemmx il-ħtieġa li dawn ta' l-aħħar jiġu inkorporati f'regolament.

(5) Għaldaqstant, id-dispożizzjoniet kollha stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2040/2000 saru obsoleti.

(6) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2040/2000 għandu għalhekk jitħassar,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2040/2000 huwa b'dan imħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Opinjoni tat-13 ta' Marzu 2007 (għadha mhijiex publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU C 8, 12.1.2007, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 244, 29.9.2000, p. 27.

⁽⁴⁾ ĠU C 172, 18.6.1999, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 378/2007 (ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1).

⁽⁷⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 22 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

J. SILVA
